# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-14 ta' Dicembru, 2001

**Numru 41**

**Avviz numru 883/00DM**

**Alan Meadows f'isem Cherry Productions**

**vs**

**Marga Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' tmien mitt lira maltin (Lm800) rapprezentanti l-bilanc rimanenti ta' prezz ta' reklami maghmulin, prodotti u mxandra fil-media mill-attur fuq ordni tas-socjeta' konvenuta skond invoice ta' l-4 t'Awissu, 1998;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' Gunju tas-sena 2000 u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex

jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deher rapprezentant taghhom sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma ta' tmien mitt lira (Lm800) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' Lulju, 2000 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va